



Brussell, 14 ta' Mejju 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0379(COD)

8737/19
ADD 1 REV 1

CODEC 992
ENER 247
ENV 438
CLIMA 124
COMPET 360
CONSOM 151
FISC 240

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta' interkonnettur

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim tal-koleġislaturi rigward ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Elettriku u r-riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Elettriku, li jergħu lura għad-definizzjoni ta' "interkonnettur" kif intużat fid-Direttiva 2009/72/KE u fir-Regolament (KE) 714/2009. Il-Kummissjoni taqbel li s-swieq tal-elettriku huma differenti minn swieq oħra bħal dak tal-gass naturali, pereżempju permezz tal-kummerċ ta' prodotti li attwalment ma jistgħux jinħażnu faċilment u li jiġu prodotti minn varjetà kbira ta' installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni, inkluż installazzjonijiet fil-livell tad-distribuzzjoni. B'konsegwenza ta' dan, ir-rwol tal-konnessjonijiet ma' pajjiżi terzi jvarja b'mod sinifikanti bejn is-setturi tal-elettriku u tal-gass u jistgħu jintgħażlu approċċi regolatorji differenti.

Il-Kummissjoni ser tkompli teżamina l-impatt ta' dan il-ftehim u ser ttipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni fejn ikun meħtieġ.

Għal raġunijiet ta' ċarezza ġuridika, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza dan li ġej:

Id-definizzjoni maqbula ta' interkonnettur fid-Direttiva dwar l-Elettriku tirreferi għal tagħmir ta' konnessjoni tas-sistemi tal-elettriku. Din il-formulazzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn oqfsa regolatorji jew sitwazzjonijiet tekniċi differenti, u b'hekk tinkludi minn qabel il-konnessjonijiet tal-elettriku kollha lejn pajjiżi terzi fl-ambitu tal-applikazzjoni. Fir-rigward tad-definizzjoni maqbula ta' interkonnettur fir-Regolament dwar l-Elettriku, il-Kummissjoni tisħaq li l-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku teħtieġ livell għoli ta' kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema, il-parteciċipanti fis-suq u r-regolaturi. Filwaqt li l-ambitu tar-regoli applikabbli jista' jvarja skont il-livell ta' integrazzjoni mas-suq intern tal-elettriku, jenħtieġ li l-integrazzjoni mill-qrib ta' pajjiżi terzi fis-suq intern tal-elettriku, bħall-parteciċipazzjoni fi proġetti tal-akkoppjament tas-swieq, tkun ibbażata fuq ftehimiet li jeħtieġu l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni rilevanti.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tar-riforma tas-suq

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim tal-koleġislaturi rigward l-Artikolu 20(3) li jipprevedi li l-Istati Membri bi tħassib identifikat dwar l-adeġwatezza għandhom jippubblikaw pjan ta' implimentazzjoni bi skeda ta' żmien għall-adozzjoni ta' miżuri biex tiġi eliminata kwalunkwe distorsjoni regolatorja identifikata u/jew kwalunkwe falliment tas-suq bħala parti mill-proċess ta' Għajnuna mill-Istat.

Skont l-Artikolu 108 tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha l-kompetenza esklużiva biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat mas-suq intern. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni skont it-TFUE u ma jistax jaffettwaha. Għalhekk, fejn ikun rilevanti, il-Kummissjoni tista' tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-pjanijiet ta' riforma tas-suq b'mod parallel mal-proċess ta' approvazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kapaċità skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, iżda ż-żewġ proċessi huma ġuridikament separati.

Dikjarazzjoni mill-Greċja

Il-Greċja tfakkar fl-assigurazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea waqt il-laqgħa tal-Coreper I tat-18 ta' Jannar 2019, kif ukoll id-Dikjarazzjoni sussegwenti tagħha maħruġa fil-laqgħa tal-Coreper I imsemmija hawn fuq.

Abbażi tal-assigurazzjonijiet imsemmija hawn fuq, aħna nifhmu li l-impjant tal-enerġija tal-linjite ta' Ptolemais 5, li bħalissa qed jinbena, jista' jiġi inkluż fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(5) (li qabel kien l-Artikolu 18b(5)), li skonthom huwa possibbli li l-impenji jew il-kuntratti konklużi qabel il-31 ta' Diċembru 2019 ma jiġux modifikati sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament dwar is-suq intern għall-elettriku.

Huwa abbażi ta' dan il-fehim, u fi spirtu kostruttiv, li l-Greċja tivvota b'mod pożittiv dwar it-test finali tar-riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Elettriku.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Fil-prinċipju, ir-Repubblika tal-Kroazja tappoġġa l-għanijiet u l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, madankollu, tesprimi tħassib dwar l-Artikolu 71 u d-data tad-dħul fis-seħħ.

Meta jittieħed kont tal-fatt li l-għan ta' dan ir-Regolament huwa li joħloq suq bl-oġħla standard għall-konsumaturi u li jistabbilixxi l-prinċipji fundamentali għal swieq tal-elettriku li jiffunzjonaw sew, trasparenti u integrati, ir-Repubblika tal-Kroazja temmen li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 71 ser ikollhom impatt negattiv fuq l-Istati Membri b'kapaċitajiet amministrattivi iżgħar.

Barra minn hekk, meta jitqiesu l-kapaċitajiet ta' trażmissjoni transkonfinali mal-fruntieri tar-Repubblika tal-Kroazja u l-użu mifrux ta' din il-kapaċità minn parteċipanti fis-suq barra mir-Repubblika tal-Kroazja, aħna ninsabu mħassbin dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 u l-valur minimu ta' 70%, għaliex jista' jkollu impatt potenzjalment negattiv fuq is-sigurtà u l-istabbiltà tas-sistema tal-enerġija.